KLR 28/VI/2011

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru 2011 fl-10.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Michel Buttiġieġ u Josef Schembri u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI:- Il-membri Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat u Carmel Theuma.

Preżenti kien hemm ukoll il-Perit tal-Kunsill, Edward Scerri, il-Perit Melanie Spiteri għan-nom ta' l-Awtorita' tad-Djar u l-kuntrattur Joseph Portelli.

Intqalet talba.

**1. Proġett ta' *upgrading* f'taċ-Ċawla H. E.**

Is-Sindku għarraf lill-membri li ssejħet din il-laqgħa b'urġenza peress li x-xogħol f'taċ-Ċawla H.E. irid isir qabel l-aħħar ta' Novembru 2011. Dan sabiex ikun eliġibbli għall-fondi provduti mill-Awtorita' tad-Djar.

Tressaq ir-rapport tal-Perit rigward l-offerti mitfugħa għal dan ix-xogħol. Kopja tiegħu tinsab annessa f'dokument A. Is-suġġeriment tal-Perit hu li l-Kunsill jagħżel il-kuntrattur Joseph Portelli. Il-membri qablu ma dan is-suġġeriment u għalhekk dan ġie mistieden jidħol fil-kamra. Saru xi diskussjonijiet miegħu u maż-żewġ periti fuq kif ser jitqassam ix-xogħol u anke' fuq il-materjal u d-disinn li ser isir.

Il-preżenti qablu li x-xogħol għandu jibda mit-Tnejn 10 ta'Ottuburu 2011. Il-membri tal-Kunsill qablu wkoll li r-residenti tal-blokkijiet li quddiemhom ser isiru l-bankini għandhom jiġu nfurmati meta ser jinbeda dan ix-xogħol. Il-blokkjiet huma EB, IB, D, FA, G u HA. Għandha ssir ukoll tabella li turi li l-Kunsill flimkien ma' l-Awtorita tad-Djar qed jagħmlu dan ix-xogħol bi spiża ta' €75,000.

Wara li ġiet diskussa din il-materja, il-Periti u l-kuntrattur ħallew il-kamra.

## 2. Materji oħra

2.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li daħlet applikazzjoni sabiex il-Banda San Girgor ta' Kerċem torganiżża (Festubru) attivita' fil-Lunzjata bejn is-7 u d-9 ta' Ottubru 2011. Ġibed l-attenzjoni li diġa' nħarġu reklami li l-attivita' se ssir f'ta' Kerċem fejn dan mhux minnu peress li nofs il-wied tal-Lunzjata jaqa' taħt ir-Rabat. Is-Sindku għarraf lill-membri li l-President tal-banda qallu li r-reklami saru hekk minħabba li din is-sena hemm involut il-Kunsill ta' Kerċem.
Il-membri qablu li jinħareġ il-permess bil-kundizzjoni li fil-limiti tar-Rabat ma jitpoġġewx bnadar tal-banda ta' Kerċem jew ta' lokalitajiet oħra għajr tar-Rabat u li għal sena oħra l-Kunsill irid jara u japprova kull tip ta' reklamar.

Il-laqgħa ntemmet f'11.45. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011 fil-17.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |